**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Amadeo Grima**

**Kumpilazzjoni numru 499 / 2016**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Amadeo Grima** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 259780 (M) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':

Talli nhar is-6 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' 1.10pm fi Triq Sant Andrija Hal Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer minn gewwa vettura tal-ghala Toyota b'numri ta' registrazzjoni FCB586 ikkommetta serq ta' 150 Euro, u handbag, Tablet ghamla Samsung, camera tal-ghamla Canon u dokumenti ta' identifikazzjoni liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Ewro), u bix-xorta tal-haga

misruqa ghad-detriment ta' Priscilla McKay u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €250, liema hsara ghad-detriment ta' Priscilla McKay u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fit-22 ta' April 2016 bejn 11.30am u 12.30pm fi Triq Nazzareno, Rahal Gdid, minn gewwa vettura tal-ghamla Chevrolet b'numru ta' registrazzjoni ISL 313 ikkommetta serq ta' nuccali valur tieghu madwar 100 Euro, handbag, VISA card, cwievet, internet key u licenzja tas-sewqan liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Fiona Camilleri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €250, liema hsara ghad-detriment ta' Fiona Camilleri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fil-21 ta' April 2016 bejn 10.15am u 10.15am fi Triq Guze' D'Amato, Rahal Gdid minn vettura Honda numru tar-registrazzjoni JBI 772 ikkommetta serq ta' portmoni li kien fih karta tal-identita' liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga ghad-detriment ta' Mary Abela minn Haz Zabbar.

Ukoll talli fil-21 ta' April ghall-habta ta' 12.30am fit-Triq ir-Rghajja, Fgura minn vettura Alfa Romeo numru tar-registrazzjoni LCC 298 ikkommetta serq ta' Laptop tal-ghamla HP valur tieghu madwar 800 ewro, u dokumenti ta' identifikazzjoni liema serq hu aggravat bil-mezz, hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment ta' Daniel Schembri mis-Siggiewi u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma

tiskorrix l-ammont ta' €250, liema hsara ghad-detriment ta' Daniel Schembri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fl-20 ta' April 2016 bejn 1pm u 2pm fi Triq Kent, Fgura minn vettura ghamla Isuzu u numru tar-registrazzjoni JBA 294 ikommetta serq ta' pouch bi 300 Ewro u dokumenti ta' identifikazzjoni liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u bix-xorta tal-haga ghad-detriment ta' Rueben Briffa u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fil-11 ta' Marzu 2016 ghall-habta ta' 8.15 fi Triq Zarenu Dalli, B'Bugia minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni DAN 620 ikkommetta serq ta' handbag li kien fih mobile Samsung, licenzja tas-sewqan, karta tal-identita' u cards tal-HSBC u BOV liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Daniela Pace minn B'Bugia u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fil-5 ta'Mejju 2016 ghall-habta ta' 10am fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, minn vettura ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni LCQ 639 ikkommetta serq ta' handbag marka Carpisa, 20 ewro fi flus kontanti, u licenzja tas-sewqan liema serq hu aggravat bil-mezz, valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Rose Guntrip mir-Rabat u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €250, liema hsara ghad-detriment ta' Rose Guntrip mir-Rabat u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fil-5 ta' Mejju 2016 bejn 07.45am u 09.20am fit-Triq Danny Cremona, Rahal minn vettura tal-ghamla KIA numru tar-registrazzjoni KBD 154 ikkommetta serq ta' handbag, 20 Ewro u karta tal-identita, 30

Ewro fi flus kontanti, liema serq huwa aggravate bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Yvette Buttigieg mill-Fgura u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fil-5 ta' April 2016 ghall-habta ta' 8am, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun minn vettura tal-ghamla Isuzu numru tar-registrazzjoni CBS403 ikkommetta serq ta' kartiera u mobile tal-ghamla LG Pro, karta tal-identita' u licenzja tas-sewqan liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Roderick Debattista minn Hal Qormi u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fix-xhur ta' Marzu 2016, April 2016 u Mejju 2016 f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghatu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-piena dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena.

Ikkonsidrat;

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni. Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw."

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide**

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi, illi l-imputat, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni, li l-imputat ghen lill-ufficjal prosekutur dwar investigazzjonijiet ohra u ttiehdet inkonsiderazzjoni l-fedina penali tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar prigunerija.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**